# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 5 ta' Marzu 2020**

**Numru 8**

**Rikors numru 1/2004 FDP**

**Kummissarju tal-Artijiet,**
**illum Awtorità tal-Artijiet**

***v.***

**Rev. Kanonku Benjamin Tonna u b'dikriet datat 24 ta' April 2006 Dr Michelle Tabone bħala l-Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, l-Amministratur tal-Beni Ekklesjastiċi kollha ta' Malta, assumiet l-atti tieghu; Professur Dottor Joseph Max Ganado bħala prokuratur tal-assenti William George Said, Roger Michael Said u Valerie Jane Shillato; Ġużè Diacono Prokuratur Legali, u b'dikriet tad-9 ta' Frar 2004 assumew l-atti tiegħu, wara li miet, Martin Diacono f'ismu proprju u f'isem l-assenti Saveria Lather u Maria Concetta *sive* Rhoda Wiles, Anthony Marcel Diacono, Margherita Paolina Briffa, Victor Anthony Diacono, Salvatore *sive* Silvio Distefano, Rose Vassallo, Victor Distefano, Bernarda Cuschieri, Paul Distefano u Josephine Persiano; Dr David Tonna, Anne Marie Tonna, Renald Tonna u, b'dikriet tad-9 ta' Frar 2004 assumew l-atti tiegħu Brian Tonna u Doreen Muscat wara il-mewt tal-istess Renald Tonna, Emmanuele Tonna, Vincent Tonna, Pauline Tonna, Ġużè**

**Tonna bħala prokuratur tal-assenti Alfred Tonna u tal-assenti Edgar Tonna, u b'dikriet tad-9 ta' Frar 2004 Dr David Tonna nħatar prokuratur tal-istess Alfred u Edgard Tonna wara l-mewt ta' Ġużè Tonna, Edward Tonna, Rosalie Tonna bħala usufruttwarja ta' sehem il-mejjet Tancredi Tonna għal kull interess li jista jkollha u Dr Richard Sladden u Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuratur deputati maħtura permezz ta' dikriet datat 4 ta' Diċembru 2002 sabiex jirrappreżentaw il-wirt battâl ta' Maria Dolores Gilmour ilkoll f'isimhom u għan-nom tad-Ditta *Tonna and Diacono*, u, permezz ta' nota ppreżentata fis-7 ta' Novembru 2012 Dr David Tonna, bħala mandatarju ta' Godrey Joseph Gilmour, assuma l-atti ta' Maria Dolores Gilmour wara l-mewt tagħha; u Peter Azzopardi bħala direttur f'isem *Canadian Brothers Limited***

1. Dan huwa appell tal-Kummissarju tal-Artijiet, illum l-Awtorità tal-Artijiet ["l-Awtorità"], minn sentenza mogħtija mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet ["il-Bord"] fis-27 ta' Jannar 2016 illi illikwidat il-kumpens li għandu jitħallas lill-konvenuti għat-teħid b'titolu ta' xiri assolut ta' biċċa art fl-Imsida. L-appell jolqot is-sehem tal-kumpens likwidat favur *Canadian Brothers Limited*, rappreżentata minn Peter Azzopardi. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-Kummissarju tal-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta kien ħa l-pussess tal-art li dwarha saret il-kawża fl-1974 iżda kien biss fl-2004 illi beda dawn il-proċeduri tallum biex issir il-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens dovut lis-sidien. Minħabba dan id-dewmien waħda mis-sidien – is-soċjetà *Canadian Brothers Ltd* – fetħet kawża quddiem il-Qorti Ewro-

pea tad-Drittijiet tal-Bniedem[1] b'ilment dwar ksur tad-drittijiet tagħha taħt l-art. 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

3. B'sentenza tas-6 ta' Novembru 2014 il-Qorti Ewropea sabet ksur tad-drittijiet ta' *Canadian Brothers Ltd*, rappreżentata minn Azzopardi, u ikkundannat lill-istat iħallas kumpens pekunjarju ta' erba' mija u ħamsa u erbgħin elf euro (€445,000), barra l-ispejjeż. Il-qorti fissret hekk ir-raġuni li wasslitha biex tillikwida din is-somma:

> »69. … … … the Court notes that in the present case it is not in possession of an impartial estimate of the value of the land in 1974, which ought to be its starting point for the purposes of its calculation … … … In fact, the only impartial estimate in its possession is the valuation of the land in 1990 by the technical members of the LAB. In the specific circumstances and in order for the applicant to avoid having to sustain yet further disadvantages resulting from the passage of time were the matter to be reserved by this Court, it will nonetheless proceed with the calculation of the compensation following the guidelines set out above, but taking as its starting point the value in 1990. That value, namely EUR 272,623 must be converted to the current value in order to offset the effects of inflation, and interest must be applied to the capital so adjusted. … … …
>
> »70. Having regard to the above factors and the value taken as a starting point, as well as the sums paid in ground rent, the Court considers it reasonable to award the applicant EUR 445,000 plus any tax that may be chargeable on that amount, in compensation for the expropriation.«

4. Imbagħad fis-27 ta' Jannar 2016 il-Bord ta s-sentenza li minnha sar dan l-appell tallum u illikwida s-sehem tal-kumpens dovut lil *Canadian Brothers Ltd* fis-somma ta' tliet mija u għaxart elef, tmien mija u erbgħa u sebgħin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€310,874.94),

[1] Rikors 28177/2012 fl-ismijiet Azzopardi *v.* Malta.

*oltre* l-imghax taħt l-art. 12(3) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi ["Kap. 88"], wara li għamel din l-osservazzjoni:

> »Il-bord, filwaqt illi ha konjizzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem mogħtija fis 6 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet Azzopardi *v.* Malta, josserva illi xorta waħda għandu jimplimenta d-dettam tal-liġi kif stabbilit fil-Kap. 88, *stante* illi huwa l-unika organu rikonoxxjut mil-liġi illi jista' jimplimenta tali liġi.«

5. Il-Kummissarju tal-Artijiet – illum l-Awtorità – appella b'rikors tas-16 ta' Frar 2016 li għalih *Canadian Brothers Ltd* wieġbet fit-8 ta' Marzu 2016. Fir-rikors tal-appell din il-qorti ntalbet:

> »tvarja s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2016 … u tistabilixxi li l-ebda kumpens ulterjuri mhu dovut lill-appellat Peter Azzopardi [*sc. nomine*] għajr minn dak stabbilit mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fis-sentenza fl-ismijiet Azzopardi *v*. Malta datata s-6 ta' Novembru 2014, liema kumpens ġie diġà mhallas mill-esponent.«

6. Il-kwistjoni tallum qamet għax il-Qorti Ewropea, wara li sabet ksur tal-jeddijiet ta' *Canadian Brothers Ltd* rappreżentata minn Azzopardi minħabba fid-dewmien biex jingħata sehmu mill-kumpens, meta ġiet biex tagħti rimedju ma tatx biss kumpens għad-dewmien iżda marret *oltre*, ħadet fuqha l-ġurisdizzjoni tal-Bord u iffissat kumpens ta' erba' mija u ħamsa u erbgħin elf euro (€445,000) "*in compensation for the expropriation*".

7. Minkejja s-sentenza tal-Qorti Ewropea, il-Bord għadda għas-sentenza tiegħu fuq l-istess art billi, kif sewwa osserva, "huwa l-uniku organu rikonoxxut mil-liġi illi jista' jimplementa tali liġi" u, wara li qagħad fuq rapport imħejji mill-periti teknici li ħatar biex jassistuh fil-materja, illikwida sehem *Canadian Brothers Ltd* fis-somma ta' tliet mija u

għaxart elef, tmien mija u erbgħa u sebgħin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€310,874.94), *oltre* l-imghax kif trd il-liġi.

8. Din il-qorti tara li din il-kwistjoni nħolqot għax il-Qorti Ewropea ndaħlet f'materja li hi regolata b'liġi specjali li tagħti r-regoli u l-kriterji ta' kif għandu jinħadem il-kumpens għat-teħid ta' art u kif jinħadem l-imgħax. Il-Qorti Ewropea, billi dehrilha, korrettement, illi wara dan id-dewmien kollu s-sid ma kellux ikompli jistenna aktar biex jingħata kumpens, flok ħalliet li l-materja tiġi deċiża mit-tribunal kompetenti imxiet fuq kriterji tagħha biex tasal għall-kumpens, li fi kliemha kellu jkopri wkoll "*simple statutory interest applied to the capital progressively adjusted*". Dan ifisser li meta l-Qorti Ewropea iffissat kumpens fis-somma ta' erba' mija u ħamsa u erbgħin elf euro (€445,000) hija qieset kollox u ma hemmx lok għal kumpens ulterjuri. Kien forsi jkun aktar korrett li kieku l-Qorti Ewropea ħalliet il-likwidazzjoni tal-kumpens f'idejn tribunal specjalizzat, mgħejjun minn nies esperti fil-materja, u illimitat ruħha biex taghti kumpens għad-dewmien, iżda fiċ-ċirkostanzi dehrilha li kien aktar prattiku li l-kwistjoni tinqata' darba għal dejjem bla aktar dewmien.

9. F'kull każ, id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea ġiet accettata minn Azzopardi li aċċetta l-flus bla riżervi. Darba li Peter Azzopardi f'isem *Canadian Brothers Ltd* talab rimedju mill-Qorti Ewropea u ngħata rimedju sħiħ, issa wara s-sentenza ta' dik il-qorti hemm l-ostakolu tal-ġudikat għat-talba tiegħu quddiem il-Bord, u l-Bord ma kellux jordna

kumpens ulterjuri meta dan kien ġie likwidat mill-Qorti Ewropea u mħallas.

10. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorita tal-Artijiet, billi tilqgħu u tirriforma s-sentenza tal-Bord tas-27 ta' Jannar 2016 fis-sens kif mitlub mill-istess appellant relativament għas-sehem ta' *Canadian Brothers Ltd*.

11. L-ispejjeż tal-appell tħallashom *Canadian Brothers Ltd*.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb